**30 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

George Mallia

*versus*

Vincent Agius et.

**Lokazzjoni — Rifużjoni ta' Rigal.**

***Flus imħallsa in aġġunta għall-kera in konsiderazzjoni tal-għoti ta' kirja ta' dar, huma flus imħallsa bħala rigal in kontravvenzjoni tal-liġi tal-kera, li b'dispożizzjoni espressa tagħti d-dritt lil min ikun għamel dak il-ħlas li jfittex sabiex jieħu lura l-flus hekk imħallsa.***

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li hu kien jikri minn għand il-konvenuti, jew min minnhom, il-fond nru. 25 Father Magri Square, Marsa, u ċertu Paul Mizzi kellu b'kiri l-fond "Fatima House"

f'Sulphur Lane, Ħamrun; u li hu u l-imsemmi Paul Mizzi riedu jibdlu l-lok rispettiv tar-residenza tagħhom, billi hu jmur joqgħod fl-imsemmi post f'Sulphur Lane u l-imsemmi Paul Mizzi jmur joqgħod fl-imsemmi post f'Father Magri Square ta' proprjetà tal-konvenuti jew ta' min minnhom; u illi, sabiex din il-bidla tkun tista' validament isseħħ, kien meħtieġ, fost affarijiet oħra, l-approvazzjoni tal-konvenuti jew min minnhom, ossija l-kunsens tagħhom li jikkonċedu *l-lokazzjoni tal-fond tagħhom numru* 25 Father Magri Square, Marsa, u jirrikonoxxu bħala nkwilin ġdid tagħhom tal-istess fond lill-imsemmi Paul Mizzi; u li l-konvenuti, jew min minnhom, biex jagħmlu din il-kirja u rikonoxximent favur l-imsemmi Paul Mizzi, eżiġew, u fil-fatt irċevew, rigal ta' £20, li ġew żborżati u mħallsin minnu, jiġifieri mill-attur; u li dan ir-riċeviment ta' rigal hu vjetat mill-Ordinanza XVI tal-1944, li tagħti wkoll lil min iħallas rigal simili d-dritt li jieħdu lura minn għand min ikun irċevieħ; talab illi l-istess konvenuti, jew min minnhom, *jiġu kundannati jagħtuh lura u jħallsu lilu l-imsemmija* somma ta' £20 li hu ħallas lilhom, jew lil min minnhom, bħala rigal biex jikkonċedu lill-imsemmi Paul Mizzi l-lokazzjoni tal-imsemmi fond numru 25 Father Magri Square, Marsa, b'inkejja tad-divjet impost mill-Ordinanza XVI tal-1944 fuq riferita. Bl-interessi legali mid-data tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' April 1959, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali;

*Omissis*;

Billi mill-provi jirriżulta illi l-£20 ġew imħallsa in konsiderazzjoni — in aġġunta għall-kera — tal-għoti tal-kirja tad-dar f'Father Magri Square, Marsa, lil Paul Mizzi in kontravvenzjoni għad-dispożizzjoni preċiża tal-Ordinanza fuq riferita, li f'każ bħal dan tagħti d-dritt lil min ikun għamel il-ħlas li jfittex sabiex jieħdu lura;

Billi l-ħlas sar mill-attur;

Billi, però, jirriżulta li sar lill-konvenut Vincent Agius biss, proprjetarju uniku tal-istess dar — ħaġa li ma jmisshiex kienet injota lill-attur, kif juru l-provi;

*Omissis;*

Tillibera lill-konvenut Anthony Agius mit-talba, bl-ispejjeż;

Tilqa' l-istess talba in kwantu diretta kontra l-konvenut l-iehor Vincent Agius, u kwindi tikkundanna lil dan jagħti lura u jħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' £20, bl-interessi kif ġew mitluba, u bl-ispejjeż.